MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 610/2011

**Knit Shipping Limited, socjeta' registrata fil-British Virgin Islands, rapprezentata hawn Malta mill-mandatarju specjali taghha l-Avukat Dottor Paul Micallef Grimaud**

**vs**

**K/S Dania Spirit, socjeta' registrata gewwa d- Danimarka, rapprezentata hawn Malta mir-resident agent taghha Miriam Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tal-24 ta’ Gunju 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta' konvenuta hija proprjetarja tal-bastiment "Thor Spirit", registrat hawn Malta u li ghandu n-numru tal-IMO 8710687;

2. Illi s-socjeta' rikorrenti nolleggjat (time charter) l-imsemmi bastiment "Thor Spirit" mis-socjeta' konvenuta. Da parti taghha, is-socjeta' rikorrenti kkuntrattat ma' terzi sabiex jingarr fuq l-istess bastiment diversi konsenji ta' merkanzija destinati ghall-port ta' Venezuela, kif jirrizulta ahjar mill- poloz ta' karigu (bills of lading) hawn annessi u markati bhala "Dokument A1 sa A5" mahrugin mis-socjeta' rikorrenti bhala "carrier" a favur ta' terzi u cioe ta' ricevituri (consignees) tal-merkanzija illi ngarret abbord l-istess bastiment;

3. Illi fil-kors tal-vjagg lejn Venezuela, il-bastiment "Thor Spirit" garrab diversi hsarat u ma setax ikompli bil-vjagg tieghu tant illi kien kostrett jidhol Malta bl-intiza illi f'Malta jissewwew l-istess hsarat. It-tentattivi tas-socjeta' konvenuta sabiex issewwi f'Malta l-imsemmija hsarat fallew u b'hekk il-bastiment de quo ma kienx f'pozizzjoni jkompli bil-vjagg tieghu lejn il-Venezuela;

4. Illi l-hsarat sofferti rnill-bastiment de quo huma indikattivi tal-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset milli tonora l-ftehim ta' nollegg (time charter party) illi ghandha mas-socjeta' rikorrenti stante illi, fost affarjiet ohra, naqset milli tipprovdi bastiment illi kien seaworthy. Konsegwenza ta' dan, is-socjeta' rikorrenti soffriet danni ingenti, qed issofri d-danni u giet esposta ghal izjed Danni f'kaz illi r-ricevituri tal-merkanzija jiddeciedu illi jiehdu passi gudizzjarji kontra s-socjeta' rikorrenti ai termini tal-poloz ta' kariku (Dokument A1-A5) minhabba dewmien fil-konsenja lilhom tal-merkanzija
konsegwenza tal-hsarat sofferti mill-bastiment de quo;

5. Illi d-danni illi soffriet u li sejra issofri s-socjeta' rikorrenti huma spjegati ahjar fir-rendikont hawn anness u markata bhala Dokument B, u jammontaw kumplessivament ghal rniljun u tlett mija u tmintax-il elf u disa' mija u disgha u sittin Dollaru Amerikan u tnax-il cent (US$ 1,318,969.12), liema ammont qed jigi likwidat ghall-finijiet ta' dan ir-rikors biss, ai termini tal-artikolu 37(2) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-imsemmija danni illi qed jigu likwidati f'dan l-att huma minghajr pregudizzju ghal danni ulterjuri illi ghalihom is-socjeta' rikorrenti tista' tinsab responsabbli fil-konfront tar-ricevituri tal-merkanzija de quo jew fil-konfront ta' terzi interessati, f'liema kaz is-socjeta' rikkorrenti qieghda minn issa tirrizerva d-dritt li tipprocedi ulterjorment kontra s-socjeta' konvenuta skond il-ligi;

7. Illi din il-pretensjoni tas-socjeta' rikorrenti fil-konfront tas-socjeta' konvenuta tirrigwarda ftehim li jirrigwarda "l-uzu jew il-kiri ta' vapur, kemm permezz ta' charter party jew xort'ohra" kif previst fl-artikolu 742B(i) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u azzjonabbli bhala azzjoni in rem a tenur tal-artikolu 742D tal-Kap. 12 b'dan ghalhekk illi tikkostitwixxi dritt fi u jew fuq bastiment kif imfisser fl-artikolu 37(10)(a)(iv) u/jew (v) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif jigi pruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza u konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar bastimenti jew sehem fih ai termini tal-istess art. 37;

8. Illi sa fejn taf is-socjeta' rikorrenti, l-assi tas-socjeta' konvenuta jikkonsistu mill-bastiment "Thor Spirit" u jekk is-socjeta' konvenuta tbiegh jew tittrasferixxi b'xi mod iehor dan il-bastiment, jew xi sehem tieghu, il-kreditu tas-socjeta' attrici jigi eluz;

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastirnent m.v. Thor Spirit, numru tal-IMO 8710687 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda "deletion certificate" u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidrilha xierqa u opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u

tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ingunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat li r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqa' kontumaci;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta' Ottubru 2011 fejn meta issejhet il-kawza deher l-attur nomine li iddikjara li qed jistrieh fuq dak li jirrizulta mill-atti u wkoll illi hemm arbitragg internazzjonali pendenti Londra. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-3 ta' Novembru 2011.

**Ikkunsidrat**

Billi ma saret ebda oppozizzjoni ghat-talba u billi t-talba attrici hi wahda li taqa' taht l-artikolu 37 tal-Kap. 284 tal-ligijiet ta' Malta.

Tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------